# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA’ LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 04

It-Tnejn 23 ta’ Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ‘Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè’ Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex’ nhar it-Tnejn 23 ta’ Settembru 2024 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

04.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 03 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

04.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

04.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

04.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li ġie avviċinat mill-Kappillan sabiex bħas-snin l-imgħoddija, b'kollaborazzjoni mal-parroċċa, tiġi organizzata l-attivita' tat-tberik tal-annimali nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2024. Is-sehem tal-Kunsill jerġa' jkun fl-akkwist tas-servizzi tal-Mellieħa Scout Group kif ukoll tingħata tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan

04.3.2 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jagħmel kuntatt mas-Sinjura Rachel Micallef, waħda mill-aqwa *trainers* ta' pajjiżna, sabiex jiġu organizzati sessjonijiet ta' *fitness* fil-Munxar. Huwa spjega l-kunċett lill-membri fejn il-Kunsill ma' jkun qed jiffinanzja l-ebda spiża iżda jkunu l-parteċipanti stess li jħallsu għal dawn is-sessjonijiet. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

04.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara pressjoni li saret mis-Sindki lill-Gvern Ċentrali minħabba l-proċess ta' tiġdid tal-Karta tal-Identita', ser issir laqgħa informattiva lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex dan il-proċess ta' tiġdid jibda jingħata mil-lokalitajiet Għawdxin rispettivi għall-benefiċċju tar-residenti.

04.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li fid-dawl tal-Vista Pastorali li ser tkun qed issir fil-Parroċċa tal-Munxar, ġiet skedata laqgħa mal-E.T. Mons Isqof Anton Teuma nhar is-Sibt 12 t'Ottubru 2024 fl-10.30am ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

04.3.5 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar l-istedina tal-E.T. President ta' Malta, In-Nutar Myriam Spiteri Debono għall-attivita' ġewwa l-Palazz ta' San Anton. Trasport għall-membri mill-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar fil-4.45pm.

04.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar ħsarat li ġġarbu fis-sistema tad-dawl u l-pannelli fotovoltajiċi fit-torri tax-Xlendi wara l-maltemp. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jirranġa l-ħsarat neċessarji.

04.3.7 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jiżdiedu tlett bozoz LED fi Triq Il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 04.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

04.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis staqsiet dwar it-talba li kienet approvata mill-Kunsill biex jiġu mibdula t-tlett bankijiet mill-qodma li kien għad fadal fi Pjazza tal-Knisja il-Munxar. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed ifittex mudell jixbahom peress li jintlaqgħu tajjeb minn dawk li jagħmlu l-iktar użu minnhom, iżda ma nstabx mudell bħalhom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn jinġabu bħall-oħrajn il-ġodda li hemm fil-pjazza stess.

04.4.2 Il-Kunsillier, John Farrugia staqsa dwar il-possibilta' li jsir *railing* fit-tarf ta' bankina fi Triq Damasku li tagħti għal fuq ir-riħ tal-pjazza fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li dak ir-*railing* kien approvat fi żmien il-Kunsill preċedenti minħabba kwistjoni ta' saħħa u sigurta', u diġa' huwa ordnat. Huwa ressaq suġġeriment ieħor sabiex jiżdied bin fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

04.4.3 Il-Kunsillier John Farrugia staqsa wkoll dwar il-possibilta' li ssir magna fejn ir-residenti jsarrfu l-fliexken tagħhom. Huwa ssuġġerixxa li din issir fi Triq Marziena sabiex ma tkunx ta' inkonvenjent lir-residenti. Is-Sindku wieġeb li talba biex tiġi nstallata din il-magna saret uffiċjalment u direttament mal-kumpanija responsabbli madanakollu din it-talba qatt ma ġiet aċċettata.

04.4.4 Il-Kunsillier John Cassar ressaq proposta sabiex jinbidlu ż-żewġ siġar ta' Ġuda li mietu u li jinsabu fil-pjazza. Kien hemm qbil dwar dan.

04.4.5 Il-Kunsillier John Cassar ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill iressaq talba formali mal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar biex jiġu allokati xi ħaddiema taċ-ċivil biex il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi tibda tinfetaħ għall-pubbliku, kif ukoll jingħata riżorsi umani biex ikompli jinfetaħ it-Torri tax-Xlendi regolarment. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ħarġet l-importanza li l-Kunsill għandu jibqa' s-sid ta' dawn is-siti minħabba li jħallas il-kirja tagħhom lill-Awtorita' tal-Artijiet. Madanakollu, kien hemm qbil mill-membri biex issir din it-talba.

## 04.5 Proġetti fil-Lokalita';

04.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħlijiet li saru sa issa fil-proġett ta' riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, jikkonsistu fi tqattigħ ta' trinek u l-mogħdija ta' *sleeves* biex jitgħaddew is-servizzi minn taħt l-art. Il-Kunsill qed jistenna li jirċievi s-*samples* tal-kurduna wara talba li saret mill-Perit tal-proġett sabiex eventwalment jitkompla x-xogħol.

## 04.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

04.6.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' Soċjali minn Gozo Community Choir – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 12 t'Ottubru 2024;
- Attivita' Soċjali Tberik tal-Annimali – Triq Il-Madonna tal-Karmnu u Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 29 ta' Settembru 2024.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

04.6.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 100 siegħa jiġu trasferiti għas-sena 2025. L-iSkrivana u l-Assistent Prinċipal tal-Kunsill ukoll ressqu t-talba tagħhom għat-trasferiment ta' 120 siegħa kull wieħed għas-sena 2025. Fl-istess talba, l-iSkrivana ser tkun qed iġġedded 72 siegħa *time-off in lieu*, filwaqt li l-Assistent Prinċipal ser tkun qed iġġedded 380.25 sigħat ta' *time-off in lieu* akkumulati minn snin preċedenti. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan it-trasferiment għas-sena 2025.

04.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tad-Djar dwar it-talba tal-Kunsill mressqa fil-25 ta' Settembru 2019 sabiex il-Kunsill jingħata devoluzzjoni tal-binja kollha mnejn qed jopera eskluż il-kamra li tintuża bħala Għassa tal-Pulizija. L-Awtorita' tad-Djar qed titlob raġuni ssostanzjata b'dokumenti għal din it-talba. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex issir talba għal-laqgħa bejn il-partijiet.

04.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand kumpanija tal-produzzjoni tal-*films* sabiex jiksbu permess li jsir *filming* fi Triq L-Isqawi fil-Munxar nhar is-7 t'Ottubru 2024. Dan kien ser jinvolvi wkoll l-għeluq tal-istess triq kif ukoll ta' parti minn Triq L-10 ta' Frar. Kien hemm qbil mill-membri sakemm ma jkunx ta' inkonvenjent lir-residenti.

04.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta biex jimtela' rapport dwar applikazzjoni għall-parkeġġ riservat personalizzat fi Triq Il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Kien hemm qbil sabiex jimtela' dan ir-rapport bil-kummenti tal-Kunsill.

04.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-awtorita' Identita' dwar laqgħa ta' informazzjoni dwar it-tiġdid tal-karti tal-identita' fil-lokalitajiet, liema laqgħa hija skedata għal nhar it-Tlieta 1 t'Ottubru 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq, b'aġġornament tal-linji gwida għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

04.6.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta, b'approvazzjoni għat-talba tal-Kunsill sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Il-Qsajjem fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta, b'komunikat dwar il-ħruġ ta' permessi skond L.S. 441.04 li titratta permessi maħruġa fil-ħinijiet ta' filgħodu waqt il-ġranet tal-iskola. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.10 PQ 21126 – Kunsilli Lokali : Remote Working. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

04.6.11 Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/052 – Making numbers work for you – tools for decision-making. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/053 – European Mobility Week : żewġ pakketti ta' Fondi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/054 – Invitation "Cities Go Climate Neutral" Event 23rd September 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/055 – Free Holistic wellness sessions for the Elderly community for Local Councils 11/10/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/056 – Vjal Kulħadd : Opportunita' biex jibda jiġi mplimentat il-proġett 'slowstreets'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

04.6.17 Ilment 38/2024
Talba sabiex parti minn Triq Munxar ħdejna Andar Residence isiru kaxxi bojod tal-parkeġġ. Il-membri qalu li għalkemm il-parkeġġ ikun aktar organizzat bil-kaxxi bojod impittrin, ħafna drabi dan iwassal għal telf ta' spazju minħabba l-qisien stabbiliti.

04.6.18 Ilment 39/2024
Resident jitlob sabiex isiru *double yellow lines* quddiem blokk ta' appartamenti minħabba li bil-parkeġġ ma jkunux jistgħu jaċċessaw ir-residenzi tagħhom fi Pjazza Anfori fix-Xlendi, kif ukoll, jitlob sabiex issir

Kunsill Lokali Il-Munxar

targa biex persuni anzjani jitilgħu aktar faċilment. Huwa tenna wkoll il-problema ta' ilma li qed jinżamm quddiem din il-blokka ta' appartamenti. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li quddiem l-istess blokk ta' appartamenti qed issir rampa quddiem il-garaxx ta' din il-blokka, wara talba minn sid il-garaxx. Din ir-rampa se tagħmilha aktar faċli biex ir-residenti jaċċessaw din il-blokka u ma jipparkjawx quddiem il-garaxx minħabba li dan ser jibda jintuża. Dwar il-problema tal-ilma ġie deċiż sabiex issir komunikazzjoni u pressjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll mad-Dipartiment tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

04.6.19 Ilment 40/2024
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem blokk t'appartamenti ġodda fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din it-talba tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

04.6.20 Ilment 41/2024
Residenta tilmenta dwar ħamiem selvaġġ li qed iħammeġ il-proprjeta' tagħha fuq il-bejt u fil-gallarija. Kien hemm qbil mill-membri li din hija problema personali fejn ir-residenta għandha tfittex rimedji mingħand il-privat u mhux mill-Kunsill.

04.6.21 Ilment 42/2024
Residenta tilmenta dwar ilma li qed jinżamm fit-triq taħt il-bankina tagħha li ġej mill-bjut u mill-ħasil tal-inġenji relatati mas-sit ta' kostruzzjoni ta' ħdejn ir-residenza tagħha fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Hija tilmenta wkoll dwar nuqqas ta' ndafa fl-istess triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġu nnotifikati l-applikanti tal-permessi tas-sit ta' kostruzzjoni sabiex ma jaħslux l-inġenji tagħhom hemm, kif ukoll tinġibed l-attenzjoni tal-kennies ta' dik it-triq.

04.6.22 Ilment 43/2024
Residenta titlob sabiex il-Pulizija tal-Komunita' jaċċessa l-filmati tas-CCTV *cameras* fi Triq Il-Munxar minħabba boroż tal-iskart mhux maħruġa skont l-iskeda mir-residenti ta' ħdejha. Din ir-residenta ġiet gwidata sabiex tagħmel rapport formali fl-Għassa tal-Pulizija.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 04.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

04.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2024-9 għall-perjodu bejn it-30 t'Awwissu 2024 u t-23 ta' Settembru 2024 li tammonta għal €20,209.28 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Farrugia kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

## 04.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 t'Ottubru 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 t'Ottubru 2024.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar